**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. PATRICK VELLA, B.A., LL.D., M. JUR. (EUR LAW).**

**Seduta Nru :**
**Appell Nru: 122/2001**

**Il-Pulizija ( Spettur Mario Bonello )**

**Vs**

**JOSEPH ZAHRA**

**Illum, 2 ta'Ottubru, 2001.**

Il-Qorti :

Rat l-akkuzi dedotti kontra Joseph Zahra talli fis-7 ta'Lulju, 2000, ghal habta tas-7.35 a.m., waqt li kien fi Triq il-Wied, Birkirkara, (**1**) saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni EBY 532 (xarabank rotta 49) meta kellu l-licenzja sospiza, u ghalhekk ma kienx kopert b'polza tas-sigurta', (**2**) ghamel lill-SEO 2 Victor Caruana ingurji jew theddid mhux imsemmija band'ohra fil-Kodici jew jekk kien provokat, ingurja b'mod li hareg mill-limiti tal-provokazzjoni, u (**3**) ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta'wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku, u cioe' SEO 2 Victor Caruana waqt li dan kien qed jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Rat is-sentenza mogthija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali datata 6 ta'Gunju, 2001, li biha sabet lill-Joseph Zahra mhux hati ta' l-ewwel akkuza w lliberatu minnha, filwaqt li sabitu hati tat-tieni akkuza kif inkorporata fit-tielet akkuza, u kkundannatu ghalhekk hmistax il-lira Maltin (Lm15) ammenda.

Rat ir-rikors ta'appell ta'Joseph Zahra datat 18 ta'Gunju, 2001, li bih talab li din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata fil-parti liberatorja taghha, u tirrevokaha fil-bqija w tilliberah minn kull imputazzjoni w piena.

Rat l-aggravju ta' l-appellant.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Rat il-provi, id-dokumenti esebiti w l-atti processwali.

Semghet it-trattazzjoni taz-zewg nahat.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi bazikament l-appellant hawn jilmenta mill-fatt li minkejja li l-ewwel Qorti kellha quddiemha provi konflingenti, hi accettat il-verzjoni tal-fatti kif moghtija mix-xhud tal-prosekuzzjoni Victor Caruana b'ghajnejha maghluqha, u warrbet il-principju li kull dubju ragjonevoli ghandu jmur favur l-akkuzat.

Din il-Qorti ma taqbilx ma' din l-osservazzjoni ta' l-appellant. Apparti l-fatt li x-xhud Caruana kien ferm konvincenti u cert mill-verzjoni tal-fatti li, skond hu, graw, mhux kull konflingenza fil-provi necessarjament tghati lok ghall-xi dubju ragjonevoli. L-ewwel Qorti, minkejja li, kif qalghet hi stess fis-sentenza appellata, kellha quddiemha dawn iz-zewg verzjonijiet differenti, kienet moralment konvinta minn dik tal-prosekuzzjoni. Dan kien semplicement ezercizzju ta'apprezzament tal-provi li sar mill-ewwel Qorti li in bazi tieghu setghet legalment u ragjonevolment tasal sabiex issib htija fl-appellant fit-tieni

akkuza kif inkorporata fit-tielet, u li in bazi tieghu wkoll ma sabetx htija fih fl-ewwel akkuza.

Ghalhekk l-appell ta'Joseph Zahra qed jigi michud u s-sentenza appellata hija konfermata fl-intier taghha.

Aldo Testone
Deputat Registratur